# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2000.**

**Numru:**

**Citazzjoni Nru: 1579/94 JF**

**Anthony Gauci**
**-vs-**
**Angelo Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' A.X. Holdings Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien kera lis-socjeta' konvenuta l-uzu ta' JCB ghal xoghol fuq is-sit tal-Lukanda Excelsior, bir-rata ta' erba' liri maltin u hamsin centezmu (MM4.50) is-siegha;

U premess illi l-attur ma thallasx mis-socjeta' konvenuta ghall-uzu ta' mitejn u tmenin (280) siegha, li sar fil-perjodu mill-1 ta' Novembru, 1993, sas-16 ta' Dicembru, 1993, li jgib total ta' kumpens dovut ta' elf mitejn u sittin lira maltin (LM1,260);

U premess illi ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u sittin lira maltin (LM1,260) in kumpens tal-uzu tal-magna JCB skond ir-rata miftehma bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Angelo Xuereb nomine fejn eccepixxa:-

1. ILLI xejn ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur ghaliex l-attur abbuza l-pozizzjoni tieghu: kien hemm ftehim ta' Lm4.50 is-siegha ghal xoghol ta' foreman basta ix-xogholijiet ma jeccedux saghtejn kuljum. Fil-fatt l-attur gieli hadem sa tnax-il siegha kuljum. Inqabad juza l-fornituri tad-diesel tas-socjeta' konvenuta ghall-karozza tieghu u kien juzaha meta suppost fuq ix-xoghol; fil-fatt spicca tkecca;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet kollha tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom u semghet lix-xhieda li giet prodotta, kompriza n-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mil-legali tas-socjeta' konvenuta.

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jirreklama u jitlob hlas lilu allegatament dovut ghall-kiri ta' apparat u uzu ta' urgenza maghrufa bhala bhala JCB in konnessjoni ma' xoghol ta' kostruzzjoni fuq is-sit tal-lukanda 'Excelsior' - b'rata miftehma u specifikata u cjoe' dik ta' erba' liri u hamsin centezmu (Lm4.50c) is-siegha.

Illi l-konvenut eccepixxa li ebda hlas ma kien dovut ghax skond hu l-istess attur 'abbuza mill-pozizzjoni tieghu'. Il-konvenut semma' x'kienu dawn l-allegati abbuzi, jigifieri,

1. li kien hemm ftehim ta' Lm4.50c fis-siegha ghal xoghol ta' 'foreman' basta x-xoghlijiet ma jeccedux saghtejn kuljum;

2. li uza l-formituri tad-diesel tas-socjeta' konvenuta ghall-kawza tieghu u kien juzaha meta suppost fuq xoghol.

Mid-diversi mpjegati tas-socjeta' konvenuta li gew prodotti b'xhieda <u>l-ebda wahda minn dawn l-allegati irregolaritajiet abbuzivi ma giet ippruvata.</u> Bil-maqlub, jirrizulta li l-uniku ftehim li sehh bejn iz-zewg 'sister companies' involuti fix-xoghlijiet <u>de quo</u> kien li waqt li l-attur ikun qieghed jahdem bhala 'sub foreman' tas-sur Xuereb, huwa gie ikkuntrattat ukoll sekondarjament jikrilhom l-ingenja 'JCB' bir-rata indikata. Hekk sar u tan-numru ta' sieghat u jiem li ntuza dan il-veikolu gie debitament imnizzel u ccertifikat mill-assistent

site-manager, il-perit Valeriano Schembri u kontrofirmat per via ta' approvazzjoni mis-site manager ta' nazzjonalita' barranija, certu Knezcvit, li ma giex prodott b'xhud. Il-perit Schembri, inkarigat mis-sorveljanza ta' din il-parti tax-xoghol jichad kategorikament li kien hemm xi limitu mpost fuq kemm ghandu jintuza l-JCB fis-sens li gie eccepit. Anzi, l-istess xhud (a fol 91) elabora li 'jekk ikun hemm bzonn taghmel sitt sieghat, trid taghmel sitt sieghat' u dan proprju huwa diammetrikalment l-oppost ta' dak li gie eccepit mill-konvenut nomine.

Illi jidher wisq evidenti li dak li gara f'dan il-kaz hu li s-socjeta' konvenuta naqqset milli tipprevedi li l-kera ghall-uzu tal-JCB kien ser jiswa daqstant. Dana wkoll il-ghaliex skond ma xehed Raymond Gatt, Proposal Manager; huwa ghamel il-kalkoli tieghu fuq il-karta (fil-kors tax-xoghlijiet) u deherlu li ma setax kien li jintuzaw daqstant sieghat ta' xoghol tal-JCB - fatt pero' li gie kontradett minn dak li attwalment gie ccertifikat 'on site' mill-impjegati addetti mis-sorveljanza tal-istess xoghol. U r-raguni l-ghala twaqqaf l-attur ma kienetx ghal xi wahda mir-ragunijiet sollevata fl-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine imma dik moghtija fuq domanda cara maghmulha mill-Qorti lix-xhud Arkitett Valeriano sive Valerio Schembri (ara fol 90, depozizzjoni mghtija fit-23 ta' April 1999), u cjoe'

> "ghaliex ma kienx 'worth it' ghall-kumpanija illi tonfoq daqs dawk flus. Ghaliex tghoddhom kollha li tkun qed thallsu (lill-attur) u bis-somma li titla' tixtri JCB."

Dina kienet il-vera u unika raguni li tirrizulta mill-provi prodotti:

Illi konvenjentement ghalih, il-konvenut nomine jiskarta kompletament dak stess li hu eccepixxa biex jisposta l-bazi tal-allegati akkuzi fuq fattijiet ohrajn,

bhal dak ' li ghax-xoghol li kien hemm kien impossibbli li jigu utilizzati dak in-numru ta' sieghat.' Fl-istess waqt pero' anke hawn il-konvenut nomine donnu jinsa li x-xhud Raymond Gatt ighid ukoll li kienet haga difficli biex jitkejjel ix-xoghol bl-ezatt li sar mill-JCB tal-attur, u minbarra dan, jibqa' ma jaghti l-ebda raguni plawsibbli ta' kif ix-xoghol gie ccertifikat mill-impjegati tas-socjeta' nfisha bhala li sar u li kien dovut. Mill-bqija, l-asserzjonijiet l-ohra tal-konvenut nomine huma biss ta' natura gratuwita' fid-dawl ta' provi daqstant lampanti kontrih. Jirrizulta, fl-ahharnett, li dwar il-'quantum' ta' hlas reklamat mill-attur u relattiv ghas-sieghat ta' kera tal-JCB hemm provi sufficjenti li jattestaw l-veradicita' ta' dak li gie mitlub bhala hlasijiet dovuti lill-attur kif minnu premess.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba attrici kif dedotta kontra l-konvenut nomine fl-ammont mitlub, bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu u bl-interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md